# Beati u Qaddisin....Awissu

San Gwann Eudes 19 ta' Awissu

Imwieled fin-Normandija fis-sena 1601 u miet fis-sena 1680. Kien habrieki u devot kbir ta' Marija Ssma u ordnat sacerdot fil-Kullegg tal-Gizwiti gewwa Caen. Minn hawn telqilha biex jiehu hsieb il-morda bil-pesta fir-regjun ta' Argentan. Wara huwa ta ruhu ghall-missjoni parrokjali. Fehem tajjeb li l-figura tas-sacerdot kienet tant importanti fil-qadi tal-kateketika u t-taghlim u minhabba f'hekk waqqaf seminarju li kien il-bidu tal-"Kongregazzjoni ta' Gesu' u Marija."



F'dawk iz-zminijiet gewwa Franza l-poplu kien jinsab mgharraq f'injoranza religjuza liema bhala. Kien appostlu minn ta' quddiem nett biex tinxtered id-devozzjoni lejn il-qalb ta' Gesu' u ta' Marija. Fis-sena 1641 huwa waqqaf zewg kongregazzjonijiet wahda ghal-irgiel u l-ohra ghan-nisa, dedikati lejn il-Qlub Imqaddsa ta' Gesu' u Marija. Hadem biex waqqaf rifugji biex fihom jilqghu lit-tfajliet halli b'hekk jaharbu l-okkazzjoni tad-dnub u maghhom kongregazzjoni ta' sorijiet biex joffrulhom l-ghajnuna. Kiteb hafna opri izda l-aktar li jibqa' maghruf ghaliha hija "Il-Qalb ammirabbli ta' Omm Alla."